NAO
National Audit Office
MALTA

**National Audit Office**
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1601
Malta

Phone: (+356) 22055555
E-mail: nao.malta@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt
www.facebook.com/NAOMalta

*Auditor General*

Rif: NAO 59/2023

30 ta' Ottubru, 2023

Onor. Darren Carabott
Chair
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Parlament ta' Malta
Valletta

Għażiż Onor. Carabott,

Nagħmel referenza għat-talba mibgħuta lill-Awditur Ġenerali mill-Membri tal-Oppożizzjoni fil-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi fis-6 ta' Frar 2023, dwar il-ftehim bejn il-Gvern u s-Soċjetà Sadeen Education Invesment Limited. Din l-ittra ġiet iffirmata wkoll mill-Onor. Rebekah Borg, Membru tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, u l-Onor. Karol Aquilina, Kelliem għall-Ġustizzja. F'din l-ittra l-Uffiċċju ntalab jinvestiga aspetti dwar il-proġett tal-American University of Malta.

Wara li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika rċieva din l-ittra, skont il-proċedura stabbilita, beda x-xogħol preliminari assoċjat ma' din il-verifika li eventwalment wassal għat-tfassil ta' dawn it-termini ta' referenza, li essenzjalment jirriflettu din l-istess talba:

1. analiżi tal-proċess tan-negozjati li wassal għall-qafas kuntrattwali, u jekk kienx ġust, koerenti u diliġenti, u kienx ibbażat fuq il-prinċipji ta' governanza tajba;

2. skrutinju tal-qafas kuntrattwali li jirregola l-ftehim bejn il-partijiet, b'mod partikolari jekk:

    a. it-trasferiment tal-artijiet mill-Gvern lil Sadeen Education Investment Limited kienx ġust, sarx b'mod koerenti u diliġenti, u kienx ibbażat fuq il-prinċipji ta' governanza tajba;

    b. il-valur tal-art konċess mill-Gvern lil Sadeen Education Investment Limited permezz tal-kuntratt tad-29 ta' Settembru 2022 kienx ġust u ekwu u jirriflettix il-prezz tal-art fis-suq liberu;

    c. il-Gvern setax jinnegozja proviżjonijiet kuntrattwali aħjar biex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu;

…/

d. Il-Gvern setax itemm il-ftehim ma' Sadeen Education Investment Limited u jieħu lura l-artijiet mogħtija jekk dan ma jonorax l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu; u

e. twettqux il-miri kuntrattwali.

Dan huwa qafas preliminarju tal-investigazzjoni mitluba u l-Uffiċċju jirriserva d-dritt li jagħmel tibdiliet jekk meħtieġa. Madankollu, kif ġie diskuss f'seduti preċedenti ta' dan il-Kumitat, l-Uffiċċju se jkompli josserva l-prassi li l-investigazzjonijiet jiġu trattati skont meta saret it-talba.

Verżjoni bl-Ingliż tat-termini ta' referenza hi annessa ma' din l-ittra.

Tislijiet,

C. Deguara

Ink.

**Terms of Reference**

1. analysis of the negotiation process that led to the contractual framework to determine if it was fair, coherent and diligent, and based on the principles of good governance;

2. scrutiny of the contractual framework governing the agreement between the parties, focusing on whether:

    a. the transfer of the lands from the Government to Sadeen Education Investment Limited was fair, conducted in a coherent and diligent manner, and in accordance with the principles of good governance;

    b. the value of the land granted by the Government to Sadeen Education Investment Limited in the contract dated 29 September 2022 was fair, equitable and reflective of market prices;

    c. the Government was able to negotiate better contractual provisions to safeguard its rights;

    d. the Government was able to terminate the agreement with Sadeen Education Investment Limited and take back the transferred lands if the latter failed to fulfill its contractual obligations; and

    e. the contractual targets were achieved.